MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Numru 271/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ricardo Zammit**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ricardo Zammit, bin Nicola u Speranza nee Zammit, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 17853G, talli wara li f'Marzu 1998 ghamel zvilupp jew halla li jsir zvilupp fuq art li taghha huwa sid minghajr il-permess ghall-izvilupp li kien jikkonsisti fi thammil, bini ta' kamra fil-kantina, bini ta' hitan fi proprjeta` skedata f'sit fi Triq il-Fosos, Cittadella, Rabat (Ghawdex), kif ukoll naqas li jhares u jobdi ordni ta' Avviz biex Jieqaf nru ECF383/98 sabiex iwaqqaf immedjatament l-imsemmi zvilupp, u kif ukoll naqas li jhares l-ordnijiet moghtija lilu minn awtorita` kompetenti, huwa gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-29 ta' April 1998 u kkundannat ihallas multa ta' elf lira

(Lm1,000) kif ukoll ordnat inehhi l-izvilupp kollu li sar bla permess fi zmien xahar mid-data ta' dik is-sentenza taht penali ta' Lm25 fin-nuqqas, izda huwa naqas li jikkonforma ruhhu mal-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-24 ta' Settembru 2008, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Ricardo Zammit hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta' hmistax-il elf mija u disgha u tletin Euro u tmenin centezmu (€15,139.80) komputata hekk: *"…li tkopri l-periodu bejn id-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju elf disgha mija u tmienja u disghin (1998) sa l-erbatax (14) ta' April elf disgha mija u disgha u disghin (1999) u cioe` mitejn u sittin (260) jum bir-rata ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) ghal kull jum ta' nuqqas"*;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Ricardo Zammit, minnu pprezentat fis-6 ta' Ottubru 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2008; ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-appellant huma migjuba f'dawn it-termini:

**"Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti: (1) id-dewmien fl-ottemperanza sabiex jirripristina s-sit fl-istat li kien da parti tal-appellanti ma kienx htija tal-esponenti izda minhabba nuqqas da parti tal-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex tidderigih fix-xoghol li kellu jsir; (2) kwalunkwe piena li jista' jigi ordnat ihallas l-esponenti trid tiehu kont u tassorbi l-penali li gie mgieghel ihallas l-esponenti li ghalkemm ma jgibux it-titolu ta' penali huma fis-sustanza taghhom penali u l-esponenti m'ghandux jigi mmultat darbtejn."**

Jibda biex jinghad li fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2008 l-appellant inghata l-fakolta` li jipprezenta nota sal-21 ta' Novembru 2008 bil-visto tal-avukata tal-prosekuzzjoni li biha jindika d-disposizzjonijiet tal-ligi li fuqhom huma

msejsa z-zewg aggravji tieghu. Il-prosekuzzjoni, imbaghad, kellha sat-12 ta' Dicembru 2008 zmien biex tipprezenta, jekk trid, nota responsiva. Fl-10 ta' Dicembru 2008 giet prezentata nota mill-Avukata Dott. Lara Lanfranco ghall-Avukat Generali li permezz taghha infurmat lill-Qorti li hija ma kienetx giet notifikata, bil-visto jew b'kwalunkwe manjiera ohra, b'xi nota tal-appellant u ghalhekk ma kienitx f'posizzjoni li taghmel nota responsiva. Fil-fatt anke mill-atti ma jirrizultax li l-appellant ipprezenta tali nota.

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza – inkluzi n-noti tal-prosekuzzjoni u tad-difiza prezentati quddiem l-ewwel qorti (ara fol. 87 u fol. 91 tal atti) – u wara li hadet in konsiderazzjoni d-deposizzjoni cara ta' Mark Cini – l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni f'dan il-kaz – moghtija fis-7 ta' Novembru 2008, hija tal-fehma li dana l-appell huwa manifestament infondat u jirrazenta l-fieragh. Jibda biex jinghad li l-appellant, fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2008, <u>ammetta l-akkuza</u> migjuba kontra tieghu, ghalkemm talab li l-qorti, fl-imposizzjoni tal-piena, "tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li kull irregolarita` giet sanata". Issa, l-imputazzjoni kienet cara, u cioe` li minn wara s-sentenza tad-29 ta' April 1998 sad-data li fiha nharget ic-citazzjoni li permezz taghha nbdew il-proceduri odjerni (5/2/1999 – ara fol. 1) l-imputat, illum appellant, ma kienx ottempera ruhhu mal-ordni tal-Qorti Inferjuri moghti fis-29 ta' April 1998. Ghalkemm huwa minnu li fl-imsemmija sentenza tad-29 ta' April 1998 huwa kellu zmien xahar biex "inehhi l-izvilupp kollu li sar bla permess…taht is-supervizjoni tal-periti tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar", u <u>fin-nuqqas</u> ikun suggett ghall-penali ta' Lm25 kull jum, huwa evidenti mill-kumpless tal-provi li l-appellant m'ghamilx sforz genwin biex jottempera ruhhu mal-ordni tal-qorti. In fatti kien biss fil-21 ta' April 1999 (ara fol. 23), jigifieri kwazi sena wara l-ghoti tas-sentenza u wara li kien ircieva t-tahrika odjerna, li jirrizulta li, tramite l-avukat tieghu, kiteb lill-MEPA biex ataparsi jinghata d-direttivi mill-periti tal-imsemmija Awtorita`. Ma ngabet ebda prova li f'dak ix-xahar li kien gie koncess lilu, jew immedjatament wara, ghamel xi haga biex jobdi l-ordni tal-Qorti Inferjuri tad-29 ta' April 1998. Anzi jirrizulta li sussegwentement l-appellant ghamel minn

kollox biex jikkomplika d-dinja u jkompli jtawwal billi fetah sensiela ta' kawzi (ara n-nota tal-prosekuzzjoni a fol. 51). Kien biss fil-15 ta' Marzu 2007 li x-xoghol li kien sar gie regolarizzat, u dan wara li l-appellant hallas multa amministrattiva. Tali multa amministrattiva, imhallsa ferm wara l-periodu li ghalih tirreferi c-citazzjoni odjerna, ma tincidi b'ebda mod fuq il-penali ossia multa meritu ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk l-aggravji ta' l-appellant qed jigu respinti.

L-unika raguni ghala din il-Qorti mhux ser tikkundanna lill-appellant ammenda addizzjonali ghal appell fieragh hija li effettivament hemm raguni – li ma gietx rilevata mill-appellant, peress li dan intilef fuq pseudo-argumenti totalment irrelevanti flok ma ra l-ovvju – ghala s-sentenza appellata ghandha tigi varjata, raguni li din il-Qorti, b'sens ta' gustizzja, hi tenuta li tirrileva *ex officio*. Is-sentenza appellata kkomputat il-multa *per diem* mid-29 ta' Lulju[1] 1998 sad-data ta' l-ewwel udjenza quddiemha, 14 ta' April 1999. Ic-citazzjoni, pero`, harget fil-5 ta' Frar 1999 – u allura l-imputazzjoni ma tistax tmur oltre dik id-data – u mhux fl-14 ta' April 1999. Din l-ahhar data, li tidher fuq ic-citazzjoni, hija, kif diga` nghad, id-data tal-ewwel smigh. Ghalhekk il-komputazzjoni tal-*per diem* trid issir mid-29 ta' Lulju 1998 sal-**5 ta' Frar 1999**, b'mod li l-granet huma ta' 221 jum u mhux 260; u l-multa ghalhekk ghandha tkun ta' Lm5,525 ekwivalenti ghal €12,870, u mhux €15,139.80.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-appellant hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu multa ta' hmistax-il elf mija u disgha u tletin Euro u tmenin centezmu (€15,139.80) u minflok tikkundannah multa ta' tnax-il elf tmien mija u sebghin Euro (€12,870), konvertibbli f'sitt (6) xhur prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi (u dan skond ir-rata applikabbli qabel l-emenda introdotta fl-Artikolu 11(3) tal-Kodici Kriminali bl-Artikolu 5 tal-Att III tal-2002).

[1] Proprjament kellu jkun mid-29 ta' Mejju 1998, jigifieri hekk kif jiskadi l-periodu ta' xahar li l-appellant kellu sabiex fih jottempera ruhhu mal-ligi. Pero` fuq dan il-punt ma hemm ebda appell mill-prosekuzzjoni.

Fl-ahharnett il-Qorti tordna lir-Registratur sabiex tivverifika jekk l-appellant hallasx il-multi kollha inflitti fuqu matul dawn il-proceduri, kif ukoll il-multa ta' Lm1,000 inflitta bis-sentenza tad-29 ta' April 1998, u jekk dawn ghadhom ma thallsux sabiex mhux biss tipprocedi minnufih skond il-ligi izda tispjega permezz ta' nota ghala sal-lum ghadhom ma ttiehdux il-passi mehtiega.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------